**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 282 tal-25 ta' Novembru 2019 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Adrian Delia, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

> "Billi l-Ordni Permanenti 13 jipprovdi li Membru fil-bidu tax-xogħol tal- Kamra jista' jitlob il-permess li jressaq l-aġġornament tal-Kamra sabiex tiġi diskussa ħaġa definita ta' importanza pubblika u urġenti, u wara huwa jsemmi l-ħaġa u jagħti lill-Ispeaker dikjarazzjoni miktuba dwar is-suġġett biex ikun diskuss;
>
> Billi fl-aħħar jiem minn wara l-aħħar seduta ta' din il-Kamra, u cjoè waral-20 ta' Novembru 2019, żviluppaw, u għadhom qed jiżviluppaw, ċirkostanzi ta' gravità bla ebda preċedent fl-istorja politika ta' pajjiżna inkonnessjoni mal-investigazzjonijiet dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u ċjoè fejn, fost oħrajn:
>
> a) is-sid tal-kumpanija sigrieta 17 Black qed jiġi interrogat bħala allegat moħħ wara l-assassinju tagħha, liema sid huwa l-istess persuna Ii nqabad ixaħħam lill-Ministru Konrad Mizzi u liċ-Chief of Staff tal-Prim Ministru li għadhom s'issa fil-karigi tagħhom;
>
> b) Ii l-Prim Ministru kien u għadu jiddefendi bi ħġaru lil Konrad Mizzi u Keith Schembri, u baqa' jirreżisti li jkeċċihom mill-kariga tagħhom;
>
> c) Illi fil-kors tal-investigazzjoni, ġie mitkellem saħansitra Ministru tal Gvem mill-Pulizija, u ċjoè l-Ministru tal-Ekonomija;
>
> d) Illi fil-kors tal-investigazzjonijiet ġew arrestati u interrogati matul il-lejl li għadda, membri tas-Segretarjat Privat tal-istess Ministru għall Ekonomija;
>
> Billi dawn l-avvenimenti xokkanti u bla ebda preċedent juru li l-kriminalità organizzata infiltrat l-ogħla kurituri tal-poter u ħakmet u qed iżomm ostaġġ lill-Gvern;
>
> Billi dawn l-iżviluppi li qed iħallu l-poplu inkwetat b'li qed jiġri;
>
> Billi din hija kriżi kostituzzjonali u istituzzjonali bla ebda preċedent f'pajjiżna li kkawżat fi kliem il-Viċi Prim Ministru u Leader of the House l- Onor. Chris Fearne ħsara kważi irreparabbli għal pajjiżna;
>
> Għaldaqstant Sur President, u fid-dawl ta' dan kollu, qed nipproponi l- aġġornament tal-Kamra biex tiddiskuti din il-materja definita, ta' importanza pubblika u nazzjonali u urġenti."

Is-Sedja tirrileva li kull meta ġiet trattata talba taħt dan l-Ordni Permanenti, dejjem rat jekk tali talba tissodisfax tliet rekwiżżiti u ċioe jekk il-materja hijiex materja definita, ta' importanza pubblika u urġenti.

Irid jiġi nnotat mill-ewwel li l-element tal-urġenza huwa fundamentali għall-konsiderazzjoni tas-Sedja sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk għandiex tilqa' din it-talba li qed issirilha taħt l-Ordni Permanenti 13. Kif diġa dikjarat minn din is-Sedja u minn diversi Speakers, meta tiġi biex tikkkonsidra dan l-element ta' urġenza, hija mhux biss tara jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tissospendi x-xogħol tagħha sabiex tiddibatti tali materja għaliex inkella jkun tard wisq jekk id-dibattiu jsir fi stadju ulterjuri.

Is-Sedja tinnota li mill-qari tad-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni, il-paragrafi a, ċ u d huma riflessjonijiet u osservazzjonijiet fuq dak li jidher li sar jew li huwa spekulattiv li seta' sar f'din l-investigazzjoni li għadha għaddejja u li mill-aħħar dikjarazzjoni tal-Onor. Prim Ministru tal-20 ta' Novembru 2019, żviluppaw u fi kliemu "għadhom qed jiżviluppaw".

Illi dwar il-paragrafu b fejn il-Kap tal-Oppożizzjoni rrimarka li "l-Prim Ministru kien u għadu jiddefendi bi ħġaru lill-Konrad Mizzi u Keith Schembri u baqa' jirreżisti li jkeċċihom mill-kariga tagħhom", irid jingħad li *stante* li hemm avviż ta' mozzjoni quddiem il-Kamra ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2019 mill-istess Kap tal-Oppożizzjoni u oħrajn biex il-Prim Ministru jneħħi mill-kariga pubblika lis-Sur Keith Schembri, jirrendi tali talba f'konflitt dirett mal-Ordni Permanenti 13(4) li jgħid hekk:

> "Ebda diskussjoni ma tista' titqanqal b'dan il-mezz dwar ħwejjeġ li jkunu avżati għad-diskussjoni ..."

Illi s-Sedja ħadet nota ta' dak li qal il-Viċi Prim Ministru meta rrefera għall-kliem li l-Kap tal-Oppożizzjoni qal fid-dikjarazzjoni tiegħu u nikkwota:

> "... bla preċedent f'pajjiżna li kkawżat fi kliem il-Viċi President u Leader of the House l-Onor. Chris Fearne ħsara kważi irreparabbli għall-pajjiżna"

fejn spjega li huwa qal li hija ta' prijorita nazzjonali li jissolva l-każ tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia mill-aktar fis u li għandna nħallu lill-pulizija tagħmel xogħolha.

Is-Sedja rat jekk fit-talba tad-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Oppozzjoni hemmx l-elementi rekwiżiti tal-urġenza taħt l-Ordni Permanenti 13 għall-Aġġornament dwar ħwejjeġ definiti ta' importanza pubblika urġenti;

Is-Sedja, filwaqt li tara illi l-każ imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni huwa wieħed definit u huwa ta' importanza pubblika, ma tarax li l-Kamra għandha tissospendi x-xogħol tagħha sabiex illum tiddibatti tali materja, nerġa' ngħid meta l-investigazzjoni għadha attivament għaddejja proprju f'dawn is-sigħat stess.

Is-Sedja tara wkoll li jekk id-dibattitu jitħalla jsir f'dan l-istadju, m'għandha l-ebda garanzija li tista' tikkontrolla d-diskussjoni b'tali mod li ma tippreġudikax l-istess investigazzjoni u d-drittijiet tal-persuni kkonċernati fi proċess ġudizzjarju, dan kif ġie deċiż f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jiġi żgurat id-dritt tas-smigħ xieraq fi proċess ġudizzjarju.

Is-Sedja tħoss li għandha tikkwota minn deċiżjoni tal-Ispeaker Louis Galea mogħtija fis-Seduta 35 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar materja li dwarha kienu għadhom għaddejjin investigazzjonijiet mill-pulizija:

> "Fil-każ li l-Kamra għandha quddiemha hemm materja li dwarha l-pulizija għadha qed tinvestiga skont il-liġi. Fi kliem il-Kap tal-Oppożizzjoni, hemm "suspett serju ta' reat kriminali". Is-Sedja, filwaqt li tikkondividi t-tħassib tal-Kap tal-Oppożizzjoni, tqisu prematur li tissospendi x-xogħol tas-Seduta tal-lum biex tgħaddi għal diskussjoni fuq materja li dwarha jeħtieġ informazzjoni attendibbli li tista' tirriżulta aħjar mill-konklużjoni tal-investigazzjoni tal-pulizija."

Għaldaqstant, u fiċ-ċirkostanzi indikati hawn fuq, is-Sedja ma tħossx li għandha tilqa' t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni u għalhekk il-Kamra issa tgħaddi għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.